MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 617/2008

**Paul & Rocco (Marsa) Limited (C 2662)**

**vs**

**Nicholas Gauci (ID 326180 M)**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, sitt mija wiehed u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmi (€1621.20) rapprezentanti import ta' tnax-il kambjala skaduta u ffirmata mill-intimat.

Bl-ispejjez inkluzi u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data ta` l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-intimat in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fit-13 ta’ Otttubru, 2008 minn Robert Galea u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------